**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 21 ta' Ottubru 2024**

Talba Numru: 58/2022 CC

**Anthony Micallef Grimaud [KI 185760 (M)]**

**Vs**

**Roland Cuschieri [KI 200742 (M)]**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-28 ta' Frar 2022, fejn l-attur talab li dan it-Tribunal jordna u jikkundanna lil konvenut sabiex iħallas l-ammont ta' ħames t'elef ewro (€5,000) rappreżentanti danni sofferti mill-attur u dana kawża tax-xogħlijiet li saru mill-konvenut.

L-Attur talab ukoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Ra r-risposta tal-konvenuti preżentata fl-14 ta' Marzu 2022 fejn sostna:

1. Illi t-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;
2. Mhux minnu li l-eċċepjent kiser xi obbligu li kellu fil-konfront tal-attur, jew li kkaġunalu xi ħsara jew danni bi ħtijiet tal-eċċepjent. Għal kuntrarju, kif ser jirriżulta

aħjar fil-kors ta' din il-kawża, l-eċċepjent irrinunzja għal ħlasijiet dovuti lilu mill-attur biex iżomm il-bwon viċinat;

3. Mingħajr preġudizzju, il-ħsarat u d-danni kollha reklamati mill-attur huma dovuti unikament għan-nuqqasijiet tiegħu waħdu li jieħu ħsieb, imantni u jżomm fi stat tajjeb riparazzjoni l-proprjeta' tiegħu.
4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra li fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2024, il-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu u ddikjaraw il-provi tagħhom bħala magħluqa.

Ra in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

Ra u sema' t-trattazzjoni finali tal-konvenut.

Ra x-xhieda.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji kollha.

Ra l-atti proċesswali kollha.

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi in sostenn tat-talba tiegħu kontra l-konvenut, l-attur ressaq is-segwenti provi:

1. **L-Affidavit tal-attur Anthony Micallef Grimaud** fejn ma dan l-istess affidavit l-attur inkluda wkoll r-rapport tal-Perit Adrian Mamo datat 26 ta' Awwissu 2020 u r-risposta permezz ta' email tal-Perit Pierre Sapiano datat 28 ta' Settembru 2020. Ippreżenta wkoll ħdax ir-ritratt.

   Fl-affidavit tiegħu l-attur isostni li madwar Marzu 2017, ġie avviċinat mill-Perit Pierre Sapiano fejn għan-nom ta' Roland Cuschieri sid tad-dar, bieb ma bieb ma dik tal-attur bin-numru 42, 40 u 38 Triq D'Argens c/w 1, 2, 3 Triq il-Knisja Msida fejn infurmah li l-konvenut kien se jibda jagħmel xi xogħlijiet strutturali fil-proprjeta' tiegħu u li ried itemm is-servitu tal-ilma tax-xita' li sa dakinhar kien għadu jgħaddi minn fuq l-erbat ibjut tal-attur għal fuq il-bejt tiegħu biex jinżel f'bir komuni.

   L-attur isostni li dak iż-żmien huwa kien qiegħed jirrestawra d-dar tiegħu, liema xogħol ma kienx jinkludi dak strutturali għaliex id-dar tiegħu cioe, 44, Rue D'Argens, Msida kienet f'kundizzjoni strutturali tajba.

   L-attur isostni li meta huwa ltaqa mal-Perit Sapiana fil-propjeta tiegħu, l-Perit spjegalu li fost ix-xogħlijiet li l-konvenut xtaq li jagħmel kien li jibni ċint bejn żewġt ibjut, iwaħħal katusa ġdida ta' l-ilma tax-xita' minn fuq dik il-parti tal-bejt tiegħu għall-bitħa tiegħu, jibdel il-qlib tal-parti tal-bejt tiegħu b'kontrabejt ġdid tal-konkos biex l-ilma tax-xita jmur fid-direzzjoni tal-katusa il-ġdida u jaqsam il-bir fi tnejn billi jibnu ħajt fil-bir. (Photo 01).

   L-attur isostni li l-Perit Sapiano infurmah li l-ispejjeż ta' dawn ix-xogħlijiet kienu se jitħallsu mill-konvenut. L-attur aċċetta li jsiru dawn ix-xogħlijiet bil-kundizzjoni li dan ix-xogħol isir bil-galbu u skond s-sengħa u l-arti. Il-Perit Sapiano kellu jara li x-xogħlijiet isiru taħt is-superviżjoni professjonali tiegħu u l-istess perit assigura lill-attur li x-xogħol kien se jsir kif suppost, skond kif titlob is-sengħa tal-bini.

   Dakinhar stess il-Perit Sapiano spezzjona l-kamra u s-saqaf tax-xorok ta' fejn kien qed isir ix-xogħol fuqu u ħa wkoll xi ritratti. Il-Perit Sapiano, dakinhar stess kien issuġġerixxa lill-attur sabiex waqt li jkun għaddej ix-xogħol huwa kellu jibdel is-saqaf u jagħmlu tal-konkos.

Madanakollu l-attur ma qabilx mas-suġġeriment tiegħu għaliex huwa ried iżomm il-karattru antik tad-dar, minkejja li antik is-saqaf tax-xorok kien għadu f'kundizzjoni strutturali tajba u bl-ebda xorok mxaqqa jew difetti oħra, ħlief għal xi żebgħa antika li kienet qed titqaxxar.

L-attur isostni kif għal Marzu 2020 huwa nduna li xi tlett xorok f'nofs is-saqaf ta' dik il-kamra ta' taħt il-bejt li sar ix-xogħol imsemmi kienu nkisru u waqgħu mal-art. Max-xorok waqgħet ukoll kwantita' kbira ta' terrapien u xi madum tac-cement li kienu mirduma bejn ix-xorok u l-kontrabejt il-ġdid tal-konkos li kienu għamlu l-bennejja tal-konvenut madwar sena u nofs jew sentejn qabel. Numru ta' xorok fil-filliera tan-nofs dehru li xxaqqew ukoll. Minħabba li dik il-ġimgħa stess l-attur kien se jsiefer, huwa issapportja kif setgħa ix-xorok l-oħra li kienu xxaqqew u dan sabiex tiġi evitata aktar ħsara.

Minħabba li faqgħet il-COVID, it-titjira mill-Ingliterra lejn Malta li kienet skedata għat-18 ta' Marzu 2020 ġiet ikkanċellata u l-attur kellu jibqa l-Ingilterra sal-21 ta' Awwissu 2020.

L-attur isostni li malli wasal Malta, l-ewwel ħaġa li għamel kien li mar jiċċekkja d-dar. Huwa kien sab li ħafna xorok li f'Marzu kienu sħaħ u bla xquq,  kienu nkisru u waqgħu mal-art. Magħhom waqgħet kwantita' kbira ta' terrapien u madum tac-cement. Numru ta' xorok fil-kamra ta' taħt, fis-sular ta' isfel, kienu xxaqqew ukoll bid-daqqa li ħadu meta waqgħu x-xorok u t-terrapien mis-saqaf ta' fuq.

Għalhekk l-attur talab lil Perit Adrian Mamo sabiex imur jara l-ħsara u jagħmel rapport.

L-attur iltaqa wkoll fuq il-post mal-Perit Sapiano, li l-ewwel ħaġa li qallu kienet li kien għadu ġej minn next door għax il-generator spiċċalu l-fuel. Il-Perit Sapiano daħal jara l-ħsara, ħa xi ritratti u ma għadda l-ebda kumment, ħlief li staqsa lill-attur jekk kienx inxurjat fejn l-attur infurmah li ma kienx inxurjat u li huwa kien kellem lil perit tiegħu sabiex imur jara l-ħsara wkoll.

L-attur isostni li fuq il-bejt tal-konvenut u viċin ħafna s-saqaf inkwistjoni kien ġie installat fuq travu tal-ħadid li jserraħ dirett fuq il-ġebel, generator industrijali kbir (Photo 2). Dan ġie installat mingħajr il-permess tal-Awtoritajiet.

L-attur isostni li mid-data tar-rapport tal-Perit Mamo inkissru ħafna aktar xorok minn dan is-saqaf. (Photo 3).

L-attur isostni li huwa ġab xi stimi biex titranġa l-ħsara. Ix-xogħol meħtieġ sabiex titranġa l-ħsara huwa perikoluż ħafna biex il-ħaddiema jaħdmu taħtu għaliex hemm diversi xorok li xxaqqew u li għadhom mgħobbija b'ħafna toqol ta' terrapien, kif ukoll il-kontrabejt il-ġdid tal-konkos li kienu għamlu l-bennejja tal-konvenut għadu mdendel għax ma huwiex marbut u lanqas huwa ingaljat.

L-attur fl-affidavit tiegħu jispjega x'jikkonsisti x-xogħol indikat fl-istima u anke preżenta stima datata 4 ta' Frar 2022 fejn dik l-istima tammonta għal €9,912 (a fol 79). Isostni li l-orħos stima li għandu tammonta għal €6,800 VAT mhux inkluża u bħala prova ta' dan ippreżenta kopja ta' whatts app message (a fol 80).

L-attur isostni li saru diversi allegazzjonijiet infondati kemm fir-risposta tal-konvenut u anke fl-email tal-Perit Sapiano sabiex jippruvaw jitfgħu t-tort tal-ħsarat li saru fuq dan is-saqaf in kwistjoni fil-proprjeta' tiegħu wara li ħadmu fuqu l-bennejja tal-konvenut.

L-attur isostni li f'dik id-dar huwa b'kollox għandu erba' bjut. L-uniku saqaf li saritlu l-ħsara hu dak li ħadmu fuqu l-bennejja tal-konvenut. Is-soqfa l-oħra li ma ntmessewx mill-ħaddiema ma għandhom l-ebda ħsara. Għalhekk l-attur isostni li jidher biċ-ċar li l-ħsara fis-saqaf inkwistjoni saret minħabba nuqqas ta' "Good Practise" minn naħa tal-perit jew il-bennejja tal-konvenut u mhux minħabba xi nuqqasijiet tiegħu.

L-attur isostni li għalkemm id-dar hija qadima madanakollu huwa dejjem ħa ħsiebha u żammha fi stat strutturali tajjeb.

L-attur isostni li l-allegazzjoni tal-Perit Sapiano u cioe li s-saqaf ġralu l-ħsara għax kien antik, kien hemm water ingress u għaliex it-travi tal-ħadid huma msadda huma infondati

għax kieku l-istess Perit kien jiġbidlu l-attenzjoni qabel ma l-bennejja bdew x-xogħlijiet u fuq kollox il-Perit kien jirrifjuta li jagħmel xogħol fuq dan is-saqaf jew iħalli lil bennejja jitilgħu jaħdmu fuqu kif wara kollox jitolbu l-"Good Practise" u l-"Health and Safety Regulations".

Ladarba il-Perit Sapiano ma sab l-ebda oġġezzjoni sabiex isiru x-xogħlijiet, jikkonferma li s-saqaf kien fi stat strutturali tajjeb qabel ma nbdew ix-xogħlijiet.

L-attur isostni wkoll li huwa żbaljat li l-Perit Sapiano assuma li għax il-konvenut abbanduna l-propjeta' tiegħu, huwa abbanduna l-propjeta' wkoll. Fil-fatt minn ritratti eżebiti huwa evidentament ċar li filwaqt li x-xorok tal-konvenut huma kollha miksurin, ix-xorok tiegħu qabel ma ħadmu l-bennejja tal-konvenut kienu fi stat tajjeb.

Il-Perit Sapiano jsostni li la hu u lanqas il-bennejja ma sabu jew radmu madum tac-cement fuq il-bejt in kwistjoni tal-propjeta' tiegħu. L-attur isostni li dan ma huwiex minnu għaliex il-kwantita kbira ta' madum tac-cement mirduma bejn ix-xorok u l-kontrabejt ġdid tal-konkos li għamlu l-ħaddiema bilfors li ġie minn x'imkien.

L-attur isostni li photo 06, li kien bagħtlu l-perit Sapiano stess f'dokument B, juri li dik il-parti tal-bejt in kwistjoni, kienet fil-fatt oriġinarjament miksija wkoll bl-istess kontrabejt tal-madum tac-cement li ż-żewġt bjut oħra tiegħu għadhom miksija bih sal-ġurnata ta' llum. Dan il-madum hu wkoll bħal dak li-madum tas-cement li nstab mirdum bejn ix-xorok li nkissru u l-kontrabejt ġdid tal-konkos li għamlu l-bennejja tal-konvenut.

L-attur isostni li l-Perit Sapiano jallega li s-saqaf tax-xorok kien diġa 'overloading' u għalhekk l-istess Perit ma kellux ikompli jgħabbi s-saqaf b'aktar toqol ta' madwar erba' pulzieri oħra ta' konkos biex jifforma kontrabejt ġdid.

L-attur isostni li Photo 06 juri li l-opramorta fuq ix-xellug kienet oriġinarjament għolja ftit inqas minn tlett filati filwat li Photo 07, meħud riċenti u wara li saru x-xogħlijiet juri li l-opramorta hija għolja biss żewġ filati. Dan ifisser li l-livell tal-kontrabejt fuq dan is-saqaf għola bi ftit anqas minn filata mill-livell oriġinali.

L-attur isostni li Photos 08 u 09 juru linja orizzontali skura u kontinwa fuq il-ħajt, li kienet mirduma u li issa nkixfet wara li waqgħu aktar xorok u terrapien mis-saqaf. Din il-linja hi madwar 4 pulzieri iktar l'isfel mil-qiegħ tal-kontrabejt il-ġdid tal-konkos li għamlu l-bennejja tal-konvenut u li għadu mdendel fuq il-post. Din il-linja skura u kontinwa fuq il-ħajt hi iż-żokklatura miżbugħa b'taħlita ta' cement u sealer normalment għolja madwar 6 pulzieri li kienet tinżebagħ fuq il-parti tal-ħajt fejn kien jiltaqa' mal-wiċċ tal-kontrabejt l-antik. Din il-linja tikkonferma fejn kien il-livell oriġinali tal-kontrabejt l-antik. Allura jekk wieħed jgħodd l-4 pulzieri ta' madwar 4 jew 5 pulzieri oħra għal ħxuna tal-kontrabejt il-ġdid tal-konkos li għamlu l-bennejja tal-konvenut, jirriżulta li l-kontrabejt il-ġdid għola b'madwar 8 jew 9 pulzieri, ftit inqas minn filata.

L-attur isostni wkoll li Photo 10 juri l-ventilatur oriġinali kif ukoll il-katusa oriġinali taċ-ċaqquf li twassal l-ilma tax-xita, minn fuq il-bejt tal-kamra tal-gallarija, għal fuq dan il-bejt inkwistjoni. Illi il-qiegħ (outlet) ta' din il-katusa hu biss ta' madwar 2 pulzieri il-fuq mill-wiċċ tal-kontrabejt il-ġdid, filwaqt li l-ventilatur oriġinali mhux aktar minn 3 pulzieri il-fuq mill-wiċċ tal-istess kontrabejt. Dan żgur li ma kienx hekk oriġinarjament, għaliex dan mhux skond l-arti u s-sengħa tal-bini. Id-distanza hi qasira wisq u kif inhu issa, hemm ċans kbir li l-katusa tinstadd u li anke jidħol l-ilma tax-xita minn ventilatur hekk fil-baxx. Issa, l-katusa u l-ventilatur żgur li baqgħu fil-post oriġinali tagħhom, u allura bilfors li l-livell tal-kontrabejt il-ġdid għola sinifikament, b'piż (oveloading) ta' terrapien u konkos fuq dan is-saqaf tax-xorok in kwistjoni.

L-attur isostni li ippreżenta Photo 11 sabiex juri l-għoli tal-ventilaturi l-oħra li huwa għandu fuq il-bejt tal-kamra tal-gallarija tal-istess dar tiegħu li huma aktar minn filata l-fuq mill-livell tal-kontrabejt, kif wara kollox titlob is-sengħa tal-bini.

L-attur isostni li l-fatt li l-konvenut offra li jħallas għax-xogħol li sar fuq il-bejt tiegħu, ma jagħtih ebda dritt li b'xi mod jonqos milli josserva il-'good practice' fis-sengħa tal-bini, meta l-ħaddiema ħadmu fuq il-bejt tiegħu.

L-attur isostni li mill-provi li huwa ppreżenta huwa evidentament ċar li l-ħsara fis-saqaf in kwistjoni fid-dar tiegħu saret tort ta' nuqqasijiet gravi ta' 'good practice' fis-sengħa

tal-bini minn naħa tal-perit u tal-bennej tal-konvenut u mhux minħabba xi tort jew nuqqasijiet minn naħa tiegħu.

2. **Nota mmarkata bħala AMG1 a fol 84** fejn fiha l-attur ippreżenta 3 dokumenti.

3. **L-attur Anthony Micallef Grimaud** xehed li mid-dokumenti eżebiti f'dok AMG1 fost affarijiet oħra juri li l-livell tal-bejt fejn għamlu x-xogħol il-bennejja għollewh ħafna u konsegwentament żied il-piż li jista jkun li huwa wieħed mir-raġunijiet li ċedew ix-xorok.

   Fil-kontro bejt instab madum antik li kien miksi bih il-bejt qabel. Jiġifieri il-madum minflok ma ntrema ġie stivat bejn ix-xorok u l-kontrobejt il-ġdid tal-konkos li sar mill-ħaddiema tal-konvenut.

   In kontroeżami x-xhud ikkonferma li huwa ma jgħix fil-post u li dan il-post kien xtrah mingħand il-konvenut fl-1999.

   Ix-xhud ikkonferma li d-dar hija antika pero huwa kien qiegħed jirranġah. Apparti minnhekk, il-post kien fi stat tajjeb.

   Ix-xhud ikkonferma li l-Perit Sapiano qabel ma bdew ix-xogħlijiet kien ġie fuq il-post iżda ċaħad li l-Perit kien ġibidlu l-attenzjoni fuq l-istat ħażin tas-saqaf u fuq is-sadid li kien hemm fit-travu tal-ħadid.

   Ix-xhud sostna li l-Perit kull ma qallu kien jekk kif kienu fiż-żifna huwa riedx li jsaqqfuh, iżda x-xhud irrifjuta għax xtaq iżommu fuq l-antik.

   Ix-xhud sostna li it-travi (l-beams) allavolja ħarira msaddin '*ma ġara xejn biha din' u* l-perit ma ġibidlux l-attenzjoni li huma perikolużi għax fil fatt ma humiex.

   L-attur ċaħad li l-Perit kien ġibidlu l-attenzjoni fuq il-fatt li l-qlib kien ħażin u għalhekk kien qed iżomm l-ilma u konsegwentament it-travi kellhom is-sadid.

L-attur sostna li meta saru x-xogħlijiet huwa ma kienx preżenti għax afda kollox fil-Perit Sapiano.

Mistoqsi jekk minn meta sar x-xogħlijiet u cjoe fl-2017 sa meta ġara l-inċident fl-2020, x'manutenzjoni huwa kien għamel fuq il-bejt, l-attur sostna li huwa kien ħalbu bis-siment.

L-attur sostna li l-perit tiegħu ma kienx ra s-saqaf qabel ma ġara l-inċident.

4. **Il-Perit Adrian Mamo** xehed li huwa l-Perit tal-fiduċja tal-attur.

Sostna li dan kien każ partikolari għax kien ċeda saqaf wieħed ta' kamra waħda fis-sular ta' fuq tal-proprjeta' bin-numru 44, Rue D'Argens, Msida.

Il-proprjeta' ilha mibnija għal ftit aktar minn mitt sena u għalkemm ma kinitx imbajjda għal ħafna snin pero strutturalment kienet dehret tajba ħafna.

Il-perit sostna li kienu x-xorok li waqgħu. Li kien hemm stramb kien li ġot-terrapien ta' dan is-saqaf waqa' mhux biss ammont ta' materjal, iżda madum li ovvjament ma kienx mqiegħed meta nbniet id-dar għax ħadd ma jagħmel madum qabel ma jagħmel is-saqaf.

Ix-xhud sostna li l-attur kien infurmah li madwar xi sena qabel kien sar xi xogħol mill-konvenut fejn kien sar ftehim sabiex jinbidel il-kontrabejt u l-qlib biex kulħadd jirċievi l-ilma tiegħu.

Ix-xhud sostna li skond il-prattika, kien hemm bżonn li jinqala l-madum, għax meta wieħed jibdel il-qlib ha jaqla is-surface tal-binja, ha jibdel il-qlib tat-torba u ha jerġa jagħmel il-kontrabejt.

Ix-xhud sostna li ġot-torba nstab ammont kbir ta' madum tac-cement li ma jistax ikun li kien hemm qabel ma sar ix-xogħol. Il-Perit sostna li t-torba waqgħet kawża ta' l-eċċess ta' materjal wara li saru x-xogħlijiet. Ix-xhud sostna li meta wieħed jaqla il-kontra-bejt wieħed jinduna li kien hemm xi materjal żejjed. Ix-xhud sostna li s-saqaf il-ġdid huwa xi sitt pulzieri jew sebgħa 'il fuq mis-saqaf oriġinali. Ix-xhud sostna li dak il-madum ġie mis-saqaf li nqala biex jinbidel.

Il-Perit sostna li mix-xogħlijiet li kienu saru irriżulta li kien żdied l-ammont ta' materjal u l-materjal ma kienx sempliċi torba kif isir ġos-soqfa normali, iżda kien hemm ammont kbir ta' madum tas-saqaf.

Il-Perit sostna li l-effett ta' dan huwa li wieħed jagħmel it-torba biex il-piż jinfired, spreading of load. Meta jkollok affarijiet solidi bħal madum, dan ha jikkrea point load fuq ix-xorok u wara ċertu żmien, jista jkun ġimgħat u jista jkun aktar, b'mod partikolari jekk ikun hemm xi mechanical vibration dan ha jikkrea point of loads li minħabba fihom jiġi affetwat is-saqaf kollu.

Ix-xhud sostna li minħabba l-kwantita' kbira ta' materjal li waqa', tkisser xi ftit ukoll is-saqaf ta' taħtu.

Il-perit sostna li dan ma huwiex każ għaliex il-bini huwa antik għax kieku jaqgħu il-palazzi kollha. Is-soqfa l-oħra huma kollha ntatti. L-uniku post fejn waqgħu x-xorok huwa fejn esegwixxew ix-xogħol il-ħaddiema tal-konvenut.

Il-perit sostna li meta mar fuq il-post huwa ra li kien hemm generator. Sostna li any mechanical vibration jitrasmetti solids għal ħafna distanza u jista jkollu effett fuq propjeta ta' terzi.

Il-Perit ikkonferma li huwa għamel rapport lill-attur tal-ħsarat u anke ha xi ritratti. Il-Perit sostna li fir-rapport tiegħu huwa kkonkluda li kien hemm xogħlijiet li ridu jsiru fosthom billi l-ewwel tiggekkja, jitneħħa l-kontrabejt, jinbidlu x-xorok, titqiegħed it-torba u jerga jsir il-kontrabejt.

Il-Perit kkonferma li r-rapport li jinsab a fol 5 tal-proċess sar minnu.

In kontro-eżami l-Perit Adrian Mamo sostna li huwa daħal għall-ewwel darba fil-post meta mar biex jispezzjona l-post ħalli jagħmel ir-rapport.

In kontro-eżami x-xhud ikkonferma li huwa straħ fuq l-informazzjoni li tah l-attur u huwa qatt ma kellem lil Perit Pierre Sapiano.

Il-Perit Mamo sostna li huwa ma kellimx lil Perit Sapiano għaliex huwa ċar x'ġara. Il-madum misjub fit-torba huwa il-madum li kien hemm fis-saqaf qabel għaliex fih is-siment fuqu.

Il-Perit sostna li l-bejt li ntmess ma kienx rah qabel ma beda x-xogħol iżda ra r-ritratti. Sostna wkoll li huwa ma rax ritratti ta' kif kien is-saqaf qabel ma bdew ix-xogħlijiet.

Il-Perit sostna li f'Marzu, qabel ma l-attur mar l-Ingilterra u ma setax jiġi lura minħabba l-covid, l-attur kien infurmah bil-problema u l-attur kien għamel sapport temporanju biex ineħħi l-periklu.

Fil-Kontro-eżami tiegħu, l-Perit Adrian Muscat insista li huwa ċert li dak li ġara kien kaġun tal-fatt li l-madum tal-bejt intefa fit-torba. Dan kollu huwa maqbud mir-ritratti.

Il-Perit Mamo sostna li *'water ingress does not cause collapse of a roof'.... 'because of water penetration il-ħadid jissaddad u jkun perikoluż. F'dan il-każ they are down stand beams, they are down stands beams; qatt ma rajt saqaf illi collapsed or had any problems because of water ingress from the tiles.'*

Is-sadid li kien hemm ġo travi ġie minn ilma li daħal mis-saqaf iżda dan ma huwiex perikoluż li jaqa' saqaf.

Il-Perit Mamo sostna li r-raġuni la daħal l-ilma kien minħabba li l-bejt ma kellux qlib tajjeb u anke minħabba li l-outlet li suppost imur l-ilma fih kien imblokkat bil-ħmieġ tal-ħamiem iżda ma kinitx ir-raġuni għalfejn waqa s-saqaf.

Ix-xhud sostna li l-post kien qisu construction site. Il-ħitan qed jaqgħu iżda *'structurally it was sound'. "Structurally hundred percent sound except for the roof'.*

In ri-eżami l-Perit Mamo sostna li meta qal except for the roof huwa kien qed jirreferi għas-saqaf li fuqu saru x-xogħlijiet mill-ħaddiema tal-konvenut.

Ix-xhud sostna li:

*"Ħafna ħafna ħafna mid-djar li nbnew b' din is-sistema jiġifieri fejn għandek downstand beams, xorok u dan, kollha from time to time tara li hemm ilma dieħel għaliex ma jkunux għamlu maintenance sew fuq il-bejt. Ġieli f' każijiet estremi jkun hemm.. jekk it-travu hawn, għall-argument tara .....*

*...... 'l għaliex għaliex il-ħadid ikun siment. Jiġifieri għal kull one centimeter ħadid dak jekk if it rust għandek ten centimeters oħra..., jiġifieri daka.. u filfatt m' hemmx, lanqas hemm dan it-tip ta'..., pero` dan il-fatt ma jikkaġunax collapse of a ceiling. Jiġifieri l-ħadid xorta hemm jibqa'. L-ebda ammont ta' ilma mhux se jagħmel ħsara fi travu illi jkun hemm kaġun illi ġebel jaqa' jew ...; anzi fil-fatt its the safest għaliex inti meta*

*għandek ġebel, torba u kontrabejt daka jista' jiġi socked u mhux se jinqasam diment li ma tagħmilx point loads fuq ix-xorok, li dak huwa r-raġuni għalfejn ikollok three – four inches.. sometimes six inches torba to spread the load. Jekk inti tintroduċi xi ħaġa into the torba bħala point load dik għandek problema.*

*Ifhimni, ifhimni, mill-ewwel visit ma stajtx ngħid għal xiex, jiġifieri għalfejn waqat; għaliex it-torba baqgħet hemm u x-xriek li li nqassmu ma kontx naf x' hemm fuq. Pero` ovvjament meta waqgħet it-tieni biċċa kien hemm stacks ta' sitt tiles tas-siment, illi dawn meta jiena eżaminajthom, għax waqgħu, indunajt li dawn kienu antiki jiġifieri ma kinux tiles ġodda**. Kellhom siment fuqhom, jiġifieri kienu qed jinħalbu, okay? Xi ħadd kien fi żmien jiġifieri kien qed jaħleb is-saqaf**. Issa jiena probabbli naħseb illi n-neighbour kien qed jagħmel ..... billi ma tantx kien aċċessibbli min-naħa l-oħra. Jiġifieri that was treated ad one roof nimmaġina li l-maintenance kien isir min-naħa l-oħra. Fil-fatt kif naħseb semmiet l-avukat, kien probabbli r-responsabbiltà in any case tan-neighbour għaliex hu kellu aċċess għal fuqu."*

5. **Chris Chectuci** fix-xhieda tiegħu ikkonferma li mar fuq il-post u kien hu li ħareġ l-istima tax-xogħlijiet meħtieġa.

   In kontro-eżami ix-xhud ikkonferma li mit-22 ta' Frar 2022, huwa ma reġax mar fuq il-post.

Illi sabiex jirribatti t-talba miġjuba fil-konfront tiegħu mill-attur, il-konvenut ressaq is-segwenti provi:

1. **Il-Perit Pierre Sapiano** xehed li l-konvenut huwa l-kunjatu tiegħu.

   Ix-xhud sostna li l-binja tal-attur u tal-konvenut oriġinarjament kienu proprjeta waħda.

   L-intenzjoni tal-konvenut kienet li jaqsam il-ġiebja along il-konfini tal-proprjeta' u jaqsam ukoll is-sistema tad-drenaġġ. L-ilma li kien konfini mal-proprjeta' tal-konvenut

ġie diverted biex jidħol ġo ġiebja li llum hija totalment fil-proprjeta' tal-attur. L-ispejjeż tax-xogħlijiet tħallsu kollha mill-konvenut.

Ix-xhud sostna li huwa kien il-perit tal-konvenut. Sostna li qabel ma bdew ix-xogħlijiet huwa aċċeda fil-proprjeta' tal-attur. Sostna li d-dar tal-attur kienet fi stat mhux abitabbli.

Sostna li huwa jiftakar b'mod ċar jirrimarka lill-attur illi s-saqaf in kwistjoni ma kienx qiegħed fi stat tajjeb. Fost id-difetti li kellu s-saqaf kien hemm li t-travi li kienu qed jerfgħu is-saqaf kienu qegħdin juru sinjali ċar ta' sadid. Il-kaġun ta' dak is-sadid huwa dħul ta' ilma mas-saqaf.

Ix-xhud sostna li l-wiċċ minn barra tal-bejt kien fi stat ta' nuqqas ta' manteniment, l-istess bħal tal-konvenut li għal għexieren ta' snin ma sar l-ebda tip ta' intervent fuqu.

Ix-xogħol imwettaq mill-ħaddiema kien li ġie tranġat il-qlib tal-bejt, imbagħad reġgħu taw il-parti solida fuq l-istess torba biex taqleb għad-direzzjoni opposta kif kienet qabel.

Ix-xhud sostna li jekk instab xi madum fil-kontrabejt  u sussegwentament waqa' fil-binja tal-attur dan kien preżenti fil-bejt diġa. Ix-xhud sostna li din jista' jgħidha b'ċertezza assoluta. Ix-xhud sostna li fl-ebda ċirkostanza ma nġieb madum minn barra biex jitpoġġa jew jintrema ġol-kontrabejt u allura dak il-madum li nstab fil-kontrabejt kien diġa qed jiġi merfugħ mis-saqaf tal-attur.

Ix-xhud sostna li l-livell ma ġiex mal-livell li kien qabel ma nbidel għax proprju dak kien l-iskop. Il-livelli inbidlu biex jaqilbu l-ilma għal mod differenti. Kieku ma sarx hekk ma kinitx tinbidel ir-rotta tal-ilma.

Ix-xhud sostna li huwa ma jistax jikkonferma jekk il-kwantita ta' livell fuq is-saqaf żdidietx. Għaliex wieħed irid ikollu quantum ta' x'kien hemm qabel u quantum ta' x'kien hemm wara.

Ġeneralment meta' jsir xogħol ta' re levelling li jsir huwa li fuq il-bejt tintefa torba ġdida u jintefa kontra-bejt ġdid biex jinbidel il-qlib. Dan iwassal sabiex  jiżdied il-piż.

Madanakollu huma ma għamlux hekk u ħadmu bil-proċedura l-korretta. Huma kissru u neħħew il-parti solida tal-bejt, illiveljaw it-torba biex isir qlib differenti u reġgħu taw wiċċ ġdid sod u iebes.

Wara li tlesta x-xogħol ma kienu saru l-ebda lmenti.

Wara xi snin, ix-xhud kien ġie avviċinat mill-attur għaliex fis-saqaf inkwistjoni kienu inkisru xi xriek.

Wieħed mix-xriek kien inqasam u kien fi stat li ha jaqa'. Taħtu kien hemm art normali. L-ewwel darba li mar jara s-saqaf d-difett kien limitat għas-saqaf biss u iktar importanti kien limitat għal wieħed massimu b'żewġt ixriek is-saqaf kollu.

Ix-xhud sostna li sa minn qabel ma bdew ix-xogħlijiet huwa kien offrilu biex bħala parti mix-xogħlijiet jibdel is-saqaf għax ma kienx fi stat tajjeb, iżda l-attur ma riedx jagħmel saqaf tal-konkos minħabba l-karatteristika tad-dar tiegħu. L-attur kien aċċetta li jħalli kollox kif inhu.

Ix-xhud sostna li meta jinqasmu x-xriek wieħed għandu jieħu azzjoni mmedjata u huwa ċar li l-attur ma għamel xejn.

Ix-xhud sostna li huwa kien reġa' mar fuq il-post u ra li kienu inqasmu xorok oħra, xi xorok waqgħu fl-art u l-art sfrondat. Kull darba li mar, huwa ma ra l-ebda miżuri mill-attur sabiex ma tkomplix issir ħsara.

Waqt ix-xhieda tiegħu x-xhud ippreżenta xi ritratti u sostna li l-maġġorparti tar-ritratti għadhom hu.

Ix-xhud sostna li huwa qatt ma kien ġie avviċinat mill-Perit Adrian Mamo.

In kontro-eżami x-xhud ikkonferma li saru x-xogħlijiet fuq il-bejt tal-attur u dan billi sar re-levelling exercise.

Il-Perit Sapiano nsista li apparti li t-travi kienu b'sinjali ta' sadid kien hemm ukoll sinjali ċari ta' dħul ta' ilma minn l-istess saqaf u dak rah b'għajnejh.

Il-Perit insista li x-xogħlijiet saru sabiex ġie mmodifikat il-qlib tal-ilma.

Il-Perit sostna li fuq parir tiegħu, għax ra li s-saqaf strutturalment ma kienx aċċettabbli l-konvenut aċċetta li jinbidel is-saqaf kompletament u twaqqa. Tkisser u ntrema.

Min naħa l-oħra l-attur ma aċċettax illi jagħmel din il-proċedura.

Ix-xhud insista li huwa ma jista' qatt taħt ġurament jgħid jekk żdiedx jew naqas il-piż fuq s-saqaf. Insista li l-volum ta' xogħol ma huwiex dejjem neċessarjament ralatat mal-piż tiegħu. *'Flixkun ilma tal-plastic vojt ma jiżen xejn; flixkun ilma tal-plastic mimli jiżen differenti.'.*

Il-Perit insista li huma ma qabdux u tefgħu aktar materjal biex tbiddlet ir-rotta. L-ewwel qalgħu l-parti soda tal-kontrabejt, imbagħad immodifikaw it-terrapien u mbagħad reġgħu applikaw il-parti solida. *"Jiġifieri jiena allavolja taħt ġurament, ma nistax nikkonferma b' mod assolut jekk żdiedx jew naqas fuq kollox il-piż fuq il-bejt riżultat tax-xogħlijiet tagħna nista' ngħid illi l-intenzjoni qatt ma kienet illi jiżdied il-piż fuq l-istess bejt."*

Mistoqsi jekk f'dawk il-partijiet tal-bejt fejn ogħla allura jkun żdied il-materjal ta' ġol-kontra-bejt ?

Ix-xhud irrisponda:

*"Le mhux neċessarjament. Għalfejn? Għax hemm sistema illi jgħidulha meta jitpoġġa x-xogħol impaħpaħ; 'impaħpaħ' jiġifieri meta inti l-materjal ma tikkumpattjahx. Ma tikkumpattjahx għal dik ir-raġuni preċiża; li inti l-materjal iktar ma tikkumpattjah iktar iġġibu dense u iktar iġibu tqil. Inti, l-materjal, meta inti trid tagħmel kontra bejt u trid.. għandek bżonn tbiddel ċerta livell intenzjonalment il-bennej jagħmlu b' mod impaħpaħ jgħidulu, u awtomatikament inti jista' jkun iva li tkun qed tgħolli l-volum, imma fir-realtà il-piż ikun qed jonqos. Dan bħal meta nispjegaw sponża ta' l-ilma per eżempju,*

*l-isponża ta' l-ilma tkun nofsha magħsura u nofsha vojta, jew kollha ilma. L-istess ħaġa; int qed tara l-istess volum pero` t-toqol ta' tliet ċirkustanzi differenti huwa totalment differenti."*

Il-Perit isostni li huma ħadmu b'din is-sistema.

Il-Perit isostni li meta kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet huwa kien ikun fuq il-post tlett darbiet kuljum, iżda ma jafx jekk waqt li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet, il-bennejja kienux għamlu xi forma ta' support minn taħt is-saqaf.

Il-Perit sostna li meta mar jara l-ħsara, xorok miksurin kien hemm u t-travi ma kienux miksurin pero travi tal-ħadid jistgħu jiddendlu jew jitgħawwġu imma ma jistgħu qatt jinkisru.

Il-Perit ikkonferma li l-attur ma kellux ħsarat f'soqfa oħra apparti dak li fuqu saru t-tiswijiet.

Mistoqsi: "*Imma.., mela inti għidtlu lis-Sur Micallef Grimaud - isma', dan is-saqaf jekk ma tbidlux, jekk ma tagħmlux tal-konkos hemm ċans kbir li ħa jibdew jinqasmu x-xorok u ħa jaqa' s-saqaf.* ***Dan id-diskors għedtulu?*** *Iva jew le?"*

Il-Perit sostna:
*Jiena wasalt għall-konklużjoni minn l-ewwel. Jiġifieri jiena għedtlu li dan is-saqaf aħjar tibdlu. Issa jekk jiena lis-Sur Micallef Grimaud tajtu l-parir dan is-saqaf aħjar tibdlu u ħa nbiddilulek jien bħala parti mix-xogħlijiet, il-konklużjoni tirrispekkja l-fatt illi l-argumenti li qed tgħid inti.* ***Jiġifieri m'għandix għalfejn jien inkompli nispjega*** *u ngħid lis-Sur Micallef Grimaud jekk inti ħa żżomm dan ha intik iċ-ċans li tbiddlu. Jiena nixtieq nispjega li dawn is-soqfa ta' xriek I mean jistgħu jaqgħu. I mean jistgħu jinqasmu. Fil-proprjetà tas-Sur Cuschieri stess illum wara li għaddew minn 2017 għaddew 6 snin, f' ċerta postijiet oħra għandu każijiet limitati ħafna ta' postijiet fejn inqasmulu x-xriek. Ma saru l-ebda xogħlijiet dawn l-aħħar 6 snin. Imma jibqa' l-fatt illi għal raġunijiet ta' movimenti, raġunijiet ta' dħul ta' ilma, whatever, tista' tkun kwalunkwe raġuni, anki s-Sur Cuschieri għandu llum hemm xriek maqsumin; imma aħna ma intervjejniex… aħna m' għamilniex xogħlijiet illi jaffettwawhom; pero jibqa'*

*l-fatt illi dawn ix-xriek għal raġunijiet differenti nqasmu. Issa fil-każ tas-Sur Cuschieri …. **Fil-każ tas-Sur Micallef Grimaud is-sitwazzjoni kienet diġà qed turik li ħa tiġri.** Għalfejn? Għax kien hemm dħul ta' ilma; kien hemm sadid fit-travi; u dak awtomatikament juri li hemm movement."*

Mistoqsi: *"Avolja kien hemm ir-riskju li jaqa' s-saqaf tas-Sur Micallef Grimaud, is-Sur Cuschieri ddeċieda li jkompli bix-xogħlijiet, hux hekk?"*

Ix-Xhud sostna: *"Le le. Imma stenna ftit. Ir-riskju li jaqa', r-riskju li jaqa' jew li jsiru iktar ħsara is-saqaf ta' Micallef Grimaud kien totalment irrespective ta' jagħmilx ix-xogħol is-Sur Cuschieri jew le. Is-Sur Cuschieri li għamel tista' tgħid ta' vantaġġ kienet għas-saqaf mhux ta' bil-kontra! Jiġifieri dan ma kenitx xi deċiżjoni inkoxxenti illi inti kellek sitwazzjoni gravi u komplejt tiggravaha! Anzi, inti kellek sitwazzjoni mhux ideali, ippruvajt timmeljora, mmeljorajna, imma ma mmeljorajniex kemm xtaqna għas-sempliċi raġuni illi Micallef Grimaud ma riedx jagħmilha to the best of…"*

In rieżami mistoqsi: *"Issa l-perit Adrian Mamo rrepeta fuq li skont hu minħabba li kien hemm madum fuq il-wiċċ tal-bejt l-antik li ntuża waqt ix-xogħol tal-kontra bejt il-ġdid u l-qlib il-ġdid dan kien il-kagun ta' ghaliex dan is-saqaf waqa'. Qed ngħidhielek in layman terms; x' għandek xi tgħid?"*

Ix-Xhud sostna: *Mela jiena nista' ngħid huwa illi meta sar ix-xogħol tal-bdil tal-kontra bejt ta' ta' ..ta' .. ….ta' Micallef Grimaud, l-istruttura tas-Sur Cuschieri kienet diġà twaqqat u intremiet kompletament. Jiġifieri u mhux talli hekk, talli reġgħet inbniet sallivell tal-bejt in kwistjoni. Jiġifieri aħna nista' nikkonferma b' mod l-aktar assolut illi bl-ebda.. fl-ebda ċirkustanza ma nġieb xi tip ta' forma ta' madum minn kwalunkwe post minn anywhere biex jitpoġġa speċifikatament fuq il-bejt tas-Sur Micallef Grimaud. Dik nista' niggarantiha għal mija fil-mija. Jiġifieri jiena konvint, konvint illi dan il-famuż madum illi qed jallegaw għalih illi hu kien il-kaġun għalfejn waqa' dan is-saqaf dan il-madum kien żgur qed jitgħabba mill-bejt ta' qabel. Jigifieri mhix qed… mhux qed nifhem għalfejn qed jiġi qisu allegat illi aħna ġibna xi mahdum minn x' imkien ieħor, waddabnih jew armejnieh…"*

Mistoqsi: *"Jew minn dak li qlajtu"*

Ix-xhud sostna: *"Jew minn dak li qlajna; anzi nista' nikkonferma b' ċertezza assoluta wkoll illi fuq il-bejt… fuq il-bjut tas-Sur Cuschieri kollha li waqqajna ma kienx hemm madum, imkien."*

Mistoqsi: *U dan il-bejt li neħħejtu l-wiċċ tiegħu ta' Micallef Grimaud kien hemm madum?*

Ix-xhud sostna: *Fuq dak m' inhiex ċert mija fil-mija eżattament x' kien hemm; pero` nista' nikkon…. nista' kważi b' mod assolut nikkonferma illi dan il-famuż madum żgur illi qabel kien mgħobbi minn l-istess saqaf. U għalfejn qed ngħidha din? Għax aħna l-unika saqaf li missejna tas-Sur Micallef Grimaud huwa dak, dak is-saqaf; u nikkonferma illi qabel ma ntmess dan is-saqaf is-soqfa kollha tasSur Cuschieri kienu inqalgħu minn fuq s' isfel. Dik il-parti tal-propjetà tas-Sur Cuschieri twaqghet kollha minn fuq s' isfel.*

Il-Perit isostna li mill-ewwel darba li l-attur sejjaħlu biex imur jara l-ħsara sa dakinhar tax-xhieda, l-attur ma kien għamel assolutament xejn biex jevita milli ssir aktar ħsara u l-propjeta' tal-attur għadha miftuħa għall-elementi.

**<u>Ikkunsidra</u>**

Illi mill-provi jirriżulta li l-partijiet qegħdin jaqblu li tlett snin wara li kien sar xogħol ta' kontrabejt fuq wieħed mil-bjut tal-attur fil-propjeta' tiegħu 44, Rue D'Argens Msida, liema xogħlijiet saru bi bi qbil bejn l-istess partijiet, xi xorok fil-kamra ta' taħt fejn sar dan ix-xogħol bdew jinkisru u waqgħu mal-art tal-kamra.

L-attur isostni li kif anke jirriżulta mir-rapport tal-Perit tiegħu Adrian Mamo, li dan kollu seħħ minħabba li *'it is evident that the collapse of the roof was caused by the recent disturbance of the roofing material and in particular the placing of stacks of cement tiles into the fill material (torba) above the stone slabs (see. Fig.12) which created not only additional weight, but also undue pressure due to point loading. The*

*placing of such solid material in place of material fill later (torba), which is meant to act as a dampening layer, is against good building practice. The cement of roof tiles (see fig 13) were a recent addition to the building (they were probably retrieveved during the works from either roof 13 or the roof belonging to No.42, and incorporated within the torba layer) and could not have formed part of the original roofing structure".*

Min naħa l-oħra, l-konvenut isostni li dan kollu seħħ minħabba nuqqas ta' manutenzjoni di parti tal-attur, ingress kbir ta' ilma li wassal sabiex it-travi saddew.

Fl-email datat 4 ta' Settembru 2020, liema email intbagħat mill-Perit Sapiano lill-attur, il-Perit Sapiano sostna li *'I do agree that the collapse is* ***partially*** *due to the overloading of the stone slab, but overloading was* ***clearly a pre-existing condition.*** *Furtermore, the collapse is* ***certainly attributed in part*** *to the rusting of your beams because when steel rusts, it expands and such expansion causes additional stresses on the stone slabs which end up cracking, and subsequently failling'.*

Il-konvenut isostni li bix-xogħlijiet imwettqa mill-ħaddiema tiegħu, ma ġie miżjud l-ebda piż ġdid u ma kkawża l-ebda toqol ġdid fuq is-saqaf.

Illi it-Tribunal għalhekk għandu quddiemu sitwazzjoni fejn jeħtieġ li jistabbilixxi jekk il-ħsara kkawżata seħħitx minħabba li s-saqaf li taħtu kien hemm ix-xorok tgħabba iżżejjed jew inkella seħħitx minħabba ingress ta' ilma u sadit fit-travi.

**Ikkunsidra**

Illi kull persuna għandha twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha (Artikolu 1031 tal-Kodici Civili), **li jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja** (Artikolu 1032(1) tal-istess Kodici)

u kull min bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb jagħmel ħsara, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' għaqal, ta' prudenza, jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mill-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk (Artikolu 1033 tal-Kodici Civili)

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Gerald Bugeja vs David Gatt** deċiża fl-20 ta' Ottubru, 2003 mill-Qorti ta' l-Appell Ċivili ngħad is-segwenti:

*"huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna illi "min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti"*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Air Malta p.l.c et vs Malta International Airport p.l.c**, deċiża fit-30 ta' Settembru, 2016 mill-Qorti ta' l-Appell Ċivili ngħad is-segwenti:

*"Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li biex tirnexxi azzjoni ghad-danni kkawzati minn delitt jew kwazi delitt, mhux bizzejjed li l-attur jipprova li sofra xi hsara fil-proprjet tieghu, izda jehtieg ukoll li jipprova li dik il-hsara tkun gejja mill-agir tal-konvenut* ***jew li dan b'xi mod ikkontribwixxa ghaliha*** *(ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-23 ta' Novembru, 1984, fil-kawza fl-ismijiet Piju Bezzina v. Indri Galea)."*

**<u>Ikkunsidra</u>**

**Fl-Affidavit tal-attur Anthony Micallef Grimaud** jingħad li il-Perit Sapiano kellu jara li x-xogħlijiet isiru taħt is-superviżżjoni professjonali tiegħu u l-istess perit assigura lill-attur li x-xogħol kien se jsir kif suppost, skond kif titlob is-sengħa tal-bini.

L-attur isostni li fuq il-bejt tal-konvenut u viċin ħafna s-saqaf inkwistjoni kien ġie installat fuq travu tal-ħadid li jserraħ dirett fuq il-ġebel, generator industrijali kbir (Photo 2). Dan ġie installat mingħajr il-permess tal-Awtoritajiet.

L-attur isostni li l-kontrabejt il-ġdid tal-konkos li kienu għamlu l-bennejja tal-konvenut għadu mdendel għax ma huwiex marbut u lanqas huwa ingaljat.

L-attur isostni li f'dik id-dar huwa b'kollox għandu erbat ibjut. L-uniku saqaf li saritlu l-ħsara hu dak li ħadmu fuqu l-bennejja tal-konvenut. Is-soqfa l-oħra li ma ntmessewx mill-ħaddiema ma għandhom l-ebda ħsara. Għalhekk l-attur isostni li jidher biċ-ċar li l-ħsara fis-saqaf inkwistjoni saret minħabba nuqqas ta' "Good Practise" minn naħa tal-perit jew il-bennejja tal-konvenut u mhux minħabba xi nuqqasijiet tiegħu.

L-attur isostni li għalkemm id-dar hija qadima madanakollu huwa dejjem ħa ħsiebha u żammha fi stat stat strutturali tajjeb.

L-attur isostni li l-allegazzjoni tal-Perit Sapiano u cioe li s-saqaf ġralu l-ħsara għax kien antik, kien hemm water ingress u għaliex it-travi tal-ħadid huma msadda huma infondati għax kieku l-istess Perit kien jiġbidlu l-attenzjoni qabel ma l-bennejja bdew x-xogħlijiet u fuq kollox il-Perit kien jirrifjuta li jagħmel xogħol fuq dan is-saqaf jew iħalli lil benejja jitilgħu jaħdmu fuqu kif wara kollox jitolbu l-"Good Practise" u l-"Health and Safety Regulations".

Ladarba il-Perit Sapiano ma sab l-ebda oġġezzjoni sabiex isiru x-xogħlijiet, jikkonferma li s-saqaf kien fi stat strutturali tajjeb qabel ma nbdew ix-xogħlijiet.

Il-Perit Sapiano jsostni li la hu u lanqas il-bennejja ma sabu jew radmu madum tac-cement fuq il-bejt in kwistjoni tal-propjeta' tiegħu. L-attur isostni li dan ma huwiex minnu għaliex il-kwantita kbira ta' madum tac-cement mirduma bejn ix-xorok u l-kontrabejt ġdid tal-konkos li għamlu l-ħaddiema bilfors li ġie minn x'imkien.

L-attur isostni li photo 06, li kien bagħtlu l-perit Sapiano stess f'dokument B, juri li dik il-parti tal-bejt in kwistjoni, kienet fil-fatt oriġinarjament miksija wkoll bl-istess kontrabejt tal-madum tac-cement li ż-żewġt ibjut l-oħra tiegħu għadhom miksija bih sal-ġurnata ta' llum. Dan il-madum hu wkoll bħal dak il-madum tas-cement li nstab mirdum bejn ix-xorok li nkissru u l-kontrabejt ġdid tal-konkos li għamlu l-bennejja tal-konvenut.

L-attur isostni li l-Perit Sapiano jallega li s-saqaf tax-xorok kien diġa 'overloading' u għalhekk l-istess Perit ma kellux ikompli jgħabbi s-saqaf b'aktar toqol ta' madwar erba' pulzieri oħra ta' konkos biex jifforma kontrabejt ġdid.

L-attur isostni li Photo 06 juri li l-opramorta fuq ix-xellug kienet oriġinarjament għolja ftit inqas minn tlett filati filwat li Photo 07, meħud riċenti u wara li saru x-xogħlijiet juri li l-opramorta hija għolja biss żewġ filati. Dan ifisser li l-livell tal-kontrabejt fuq dan is-saqaf għola bi ftit anqas minn filata mill-livell oriġinali.

L-attur isostni li Photos 08 u 09 juru linja orizzontali skura u kontinwa fuq il-ħajt, li kienet mirduma u li issa nkixfet wara li waqgħu aktar xorok u terrapien mis-saqaf. Din il-linja hi madwar 4 pulzieri iktar l'isfel mil-qiegħ tal-kontrabejt il-ġdid tal-konkos li għamlu l-bennejja tal-konvenut u li għadu mdendel fuq il-post. Din il-linja skura u kontinwa fuq il-ħajt hi iz-zokklatura miżbugħa b'taħlita ta' cement u sealer normalment għolja madwar 6 pulzieri li kienet tinżebagħ fuq il-parti tal-ħajt fejn kien jiltaqa' mal-wiċċ tal-kontrabejt l-antik. Din il-linja tikkonferma fejn kien il-livell oriġinali tal-kontrabejt l-antik, Allura jekk wieħed jgħodd l-4 pulzieri ta' madwar 4 jew 5 pulzieri oħra għal ħxuna tal-kontrabejt il-ġdid tal-konkos li għamlu l-bennejja tal-konvenut, jirriżulta li l-kontrabejt il-ġdid għola b'madwar 8 jew 9.

**L-attur Anthony Micallef Grimaud** xehed li mid-dokumenti eżebiti f'dok AMG1 fost affarijiet oħra juri li l-livell tal-bejt fejn għamlu x-xogħol il-bennejja għollewh ħafna u

konsegwentament żied il-piż li jista jkun li huwa wieħed mir-raġunijiet li ċedew ix-xorok.

Fil-kontro bejt instab madum antik li kien miksi bih il-bejt qabel. Jiġifieri il-madum minflok ma ntrema ġie stivat bejn ix-xorok u l-kontrobejt il-ġdid tal-konkos li sar mill-ħaddiema tal-konvenut.

In kontroeżami l-attur ikkonferma li huwa ma jgħix fil-post u li dan il-post kien xtrah mingħand il-konvenut fl-1999.

L-attur ikkonferma li d-dar hija antika pero huwa kien qiegħed jirranġaha. Apparti minnhekk, il-post kien fi stat tajjeb.

L-attur ikkonferma li l-Perit Sapiano qabel ma bdew ix-xogħlijiet kien ġie fuq il-post iżda ċaħad li l-Perit kien ġibidlu l-attenzjoni fuq l-istat ħażin tas-saqaf u fuq is-sadid li kien hemm fit-travu tal-ħadid.

L-attur sostna li l-Perit kull ma qallu kien jekk kif kienu fiż-żifna huwa riedx li jsaqqfuh, iżda x-xhud irrifjuta għax xtaq iżommu fuq l-antik.

L-attur ċaħad li l-Perit kien ġibidlu l-attenzjoni fuq il-fatt li l-qlib kien ħażin għalhekk kien qed iżomm l-ilma u konsegwentament it-travi kellhom is-sadid.

**Il-Perit Adrian Mamo** fix-xhieda tiegħu sostna li l-proprjeta' ilha mibnija għal ftit aktar minn mitt sena u għalkemm ma kinitx imbajda għal ħafna snin pero strutturalment kienet dehret tajba ħafna.

Il-perit sostna li kienu x-xorok li waqgħu. Li kien hemm stramb kien li ġot-terrapien ta' dan is-saqaf waqa' mhux biss ammont ta' materjal, iżda madum li ovvjament ma kienx mqiegħed meta nbniet id-dar għax ħadd ma jagħmel madum qabel ma jagħmel is-saqaf.

Il-Perit sostna li skond il-prattika, kien hemm bżonn li jinqala l-madum, għax meta wieħed jibdel il-qlib ha jaqla is-surface tal-binja, ha jibdel il-qlib tat-torba u ha jerġa jagħmel il-kontrabejt.

Il-Perit sostna li ġot-torba nstab ammont kbir ta' madum tac-cement li ma jistax ikun li kien hemm qabel ma sar ix-xogħol. Il-Perit sostna li it-torba waqgħet kawża ta' l-eċċess ta' materjal wara li saru x-xogħlijiet. Il-Perit Mamo sostna li meta wieħed jaqla il-kontra-bejt wieħed jinduna li kien hemm xi materjal żejjed. Ix-xhud sostna li s-saqaf il-ġdid huwa xi sitt pulzieri jew sebgħa 'il fuq mis-saqaf oriġinali. Ix-xhud sostna li dak il-madum ġie mis-saqaf li nqala biex jinbidel.

Il-Perit sostna li mix-xogħlijiet li kienu saru irriżulta li kien żdied l-ammont ta' materjal u l-materjal ma kienx sempliċi torba kif isir ġos-soqfa normali, iżda kien hemm ammont kbir ta' madum tas-saqaf.

Il-Perit sostna li l-effett ta' dan huwa li wieħed jagħmel it-torba biex il-piż jinfired, spreading of load. Meta jkollok affarijiet solidi bħal madum, dan ha jikkrea point load fuq ix-xorok u wara ċertu żmien, jista jkun ġimgħat u jista jkun aktar, b'mod partikolari jekk ikun hemm xi mechanical vibration dan ha jikkrea point of loads li minħabba fihom jiġi affetwat is-saqaf kollu.

Ix-xhud sostna li minħabba l-kwantita' kbira ta' materjal li waqa', tkisser xi ftit ukoll is-saqaf ta' taħtu.

Il-perit sostna li dan ma huwiex każ għaliex il-bini huwa antik għax kieku jaqgħu il-palazzi kollha. Is-soqfa l-oħra huma kollha ntatti. L-uniku post fejn waqgħu x-xorok huwa fejn esegwixxew ix-xogħol il-ħaddiema tal-konvenut.

Il-perit sostna li meta mar fuq il-post huwa kien ra generator. Sostna li any mechanical vibration jitrasmetti solids għal ħafna distanza u jista jkollu effett fuq propjeta ta' terzi.

Il-Perit ikkonferma li huwa għamel rapport lill-attur tal-ħsarat u anke ha xi ritratti. Il-Perit sostna li fir-rapport tiegħu huwa kkonkluda li x-xogħlijiet li ridu jsiru fosthom billi l-ewwel tiggekkja, jitneħħa l-kontrabejt, jinbidlu x-xorok, titqiegħed it-torba u jerga jsir il-kontrabejt.

In kontro-eżami l-Perit Adrian Mamo sostna li huwa daħal għall-ewwel darba fil-post meta mar biex jispezzjona l-post ħalli jagħmel ir-rapport.

Il-Perit Mamo sostna li huwa ma kellimx lil Perit Sapiano għaliex huwa ċar x'ġara. Il-madum misjub fit-torba huwa il-madum li kien hemm fis-saqaf qabel għaliex fih is-siment fuqu.

Il-Perit sostna li l-bejt li ntmess ma kienx rah qabel ma beda x-xogħol iżda ra r-ritratti tiegħu. Sostna wkoll li huwa ma rax ritratti ta' kif kien is-saqaf qabel ma bdew ix-xogħlijiet.

Il-Perit sostna li f'Marzu propju qabel ma l-attur mar l-Ingilterra u ma setax jiġi lura minħabba l-covid, l-attur kien infurmah bil-problema u l-attur kien għamel sapport temporanju biex ineħħi l-periklu.

Fil-Kontro-eżami tiegħu, l-Perit Adrian Muscat insista li huwa ċert li dak li ġara kien kaġun tal-fatt li l-madum tal-bejt intefa fit-torba. Dan kollu huwa maqbud mir-ritratti.

Is-sadid li kien hemm ġo travi ġie minn ilma li daħal mis-saqaf iżda dan ma huwiex perikoluż li jaqa' saqaf.

Il-Perit Mamo sostna li r-raġuni li daħal l-ilma kien minħabba li l-bejt ma kellux qlib tajjeb u anke minħabba li l-outlet li suppost imur l-ilma fih kien imblokkat bil-ħmieġ tal-ħamiem iżda ma kinitx ir-raġuni għalfejn waqa s-saqaf.

Ix-xhud sostna li l-post kien qisu construction site. Il-ħitan qed jaqgħu iżda *'structurally it was sound'. "Structurally hundred percent sound except for the roof'.*

In ri-eżami l-Perit Mamo sostna li meta qal except for the roof huwa kien qed jirreferi għas-saqaf li fuqu saru x-xogħlijiet mill-ħaddiema tal-konvenut.

Il-Perit Mamo sostna*: 'Ifhimni, ifhimni, mill-ewwel visit ma stajtx ngħid għal xiex, jiġifieri għalfejn waqat; għaliex it-torba baqgħet hemm u x-xriek li li nqassmu ma kontx naf x' hemm fuq. Pero` ovvjament meta waqgħet it-tieni biċċa kien hemm stacks ta' sitt tiles tas-siment, illi dawn meta jiena eżaminajthom, għax waqgħu, indunajt li dawn kienu antiki jiġifieri ma kinux tiles ġodda*. ***Kellhom siment fuqhom, jiġifieri kienu qed jinħalbu, okay? Xi ħadd kien fi żmien jiġifieri kien qed jaħleb is-saqaf****.'*

Fir-rapport tiegħu l-Perit tiegħu Adrian Mamo sostna, li dan kollu seħħ minħabba li *'it is evident that the collapse of the roof was caused by the recent disturbance of the roofing material and in particular the placing of stacks of cement tiles into the fill material (torba) above the stone slabs (see. Fig.12) which created not only additional weight, but also undue pressure due to point loading. The placing of such solid material in place of material fill later (torba), which is meant to act as a dampening layer, is*

*against good building practice. The cement of roof tiles (see fig 13) were a recent addition to the building (they were probably retrieveved during the works from either roof 13 or the roof belonging to No.42, and incorporated within the torba layer) and could not have formed part of the original roofing structure".*

Min naħa l-oħra, **Il-Perit Pierre Sapiano** xehed li huwa jiftakar b'mod ċar jirrimarka lill-attur illi s-saqaf in kwistjoni ma kienx qiegħed fi stat tajjeb. Fost id-difetti li kellu s-saqaf kien hemm li t-travi li kienu qed jerfgħu is-saqaf kienu qegħdin juru sinjali ċar ta' sadid. Il-kaġun ta' dak is-sadid huwa dħul ta' ilma mas-saqaf.

Il-Perit Sapiano sostna li l-wiċċ minn barra tal-bejt kien fi stat ta' nuqqas ta' manteniment.

Ix-xogħol imwettaq mill-ħaddiema kien li ġie tranġat il-qlib tal-bejt, imbagħad reġgħu taw il-parti solida fuq l-istess torba biex taqleb għad-direzzjoni opposta kif kienet qabel.

Il-Perit Sapiano sostna li jekk instab xi madum fil-kontrabejt u sussegwentament waqa' fil-binja tal-attur dan kien preżenti fil-bejt diġa. Il-Perit Sapiano sostna li din jista' jgħidha b'ċertezza assoluta. Ix-xhud sostna li fl-ebda ċirkostanza ma nġieb madum minn barra biex jitpoġġa jew jintrema ġol-kontrabejt u allura dak il-madum li nstab fil-kontrabejt kien diġa qed jiġi merfugħ mis-saqaf tal-attur.

Ix-xhud sostna li l-livell ma ġiex mal-livell li kien qabel ma nbidel għax proprju dak kien l-iskop. Il-livelli inbidlu biex jaqilbu l-ilma għal mod differenti. Kieku ma sarx hekk ma kinitx tinbidel ir-rotta tal-ilma.

Ix-xhud sostna li huwa ma jistax jikkonferma jekk il-kwantita ta' livell fuq is-saqaf żdidietx. Għaliex wieħed irid ikollu quantum ta' x'kien hemm qabel u quantum ta' x'kien hemm wara.

Ġeneralment meta' jsir xogħol ta' re levelling li jsir huwa li fuq il-bejt tintefa torba ġdida u jintefa kontra-bejt ġdid biex jinbidel il-qlib. Dan iwassal sabiex jiżdied il-piż.

Madanakollu huma ma għamlux hekk u ħadmu bil-proċedura l-korretta. Huma kissru u neħħew il-parti solida tal-bejt, illiveljaw it-torba biex isir qlib differenti u reġgħu taw wiċċ ġdid sod u iebes.

Wara li tlesta x-xogħol ma kienu saru l-ebda lmenti.

Il-Perit Sapiano sostna li meta jinqasmu x-xriek wieħed għandu jieħu azzjoni mmedjata u huwa ċar li l-attur ma għamel xejn.

Ix-xhud insista li huwa ma jista' qatt taħt ġurament jgħid jekk żdiedx jew naqas il-piż fuq s-saqaf. Insista li l-volum ta' xogħol ma huwiex dejjem neċessarjament ralatat mal-piż tiegħu. *'Flixkun ilma tal-plastic vojt ma jiżen xejn; flixkun ilma tal-plastic mimli jiżen differenti.'*.

Il-Perit insista li huma ma qabdux u tefgħu aktar materjal biex tbiddlet ir-rotta. L-ewwel qalgħu l-parti soda tal-kontrabejt, imbagħad immodifikaw it-terrapien u mbagħad reġgħu applikaw il-parti solida. *"Jiġifieri jiena allavolja taħt ġurament, ma nistax nikkonferma b' mod assolut jekk żdiedx jew naqas fuq kollox il-piż fuq il-bejt riżultat tax-xogħlijiet tagħna nista' ngħid illi l-intenzjoni qatt ma kienet illi jiżdied il-piż fuq l-istess bejt."*

Mistoqsi jekk f'dawk il-partijiet tal-bejt fejn ogħla allura jkun żdied il-materjal ta' ġol kontra-bejt ?

Ix-xhud irrisponda:

*"Le mhux neċessarjament. Għalfejn? Għax hemm sistema illi jgħidulha meta jitpoġġa x-xogħol impaħpaħ; 'impaħpaħ' jiġifieri meta inti l-materjal ma tikkumpattjahx. Ma tikkumpattjahx għal dik ir-raġuni preċiża; li inti l-materjal iktar ma tikkumpattjah iktar iġġibu dense u iktar iġibu tqil. Inti, l-materjal, meta inti trid tagħmel kontra bejt u trid.. għandek bżonn tbiddel ċerta livell lintenzjonalment il-bennej jagħmlu b' mod impaħpaħ jgħidulu, u awtomatikament inti jista' jkun iva li tkun qed tgħolli l-volum, imma fir-realtà il-piż ikun qed jonqos. Dan bħal meta nispjegaw sponża ta' l-ilma per eżempju,*

*l-isponża ta' l-ilma tkun nofsha magħsura u nofsha vojta, jew kollha ilma. L-istess ħaġa; int qed tara l-istess volum pero` t-toqol ta' tliet ċirkustanzi differenti huwa totalment differenti."*

Il-Perit isostni li huma ħadmu b'din is-sistema.

Il-Perit ikkonferma li l-attur ma kellux ħsarat f'soqfa oħra apparti dak li fuqu saru t-tiswijiet.

In rieżami mistoqsi: *"Issa l-perit Adrian Mamo rrepeta fuq li skont hu minħabba li kien hemm madum fuq il-wiċċ tal-bejt l-antik li ntuża waqt ix-xogħol tal-kontra bejt il-ġdid u l-qlib il-ġdid dan kien il-kagun ta' ghaliex dan is-saqaf waqa'. Qed ngħidhielek in layman terms; x' għandek xi tgħid?"*

Ix-Xhud sostna: *Mela jiena nista' ngħid huwa illi meta sar ix-xogħol tal-bdil tal-kontra bejt ta' ta' ..ta' .. ....ta' Micallef Grimaud, l-istruttura tas-Sur Cuschieri kienet diġà twaqqat u intremiet kompletament. Jiġifieri u mhux talli hekk, talli reġgħet inbniet sallivell tal-bejt in kwistjoni. Jiġifieri aħna nista' nikkonferma b' mod l-aktar assolut illi bl-ebda.. fl-ebda ċirkustanza ma nġieb xi tip ta' forma ta' madum minn kwalunkwe post minn anywhere biex jitpoġġa speċifikatament fuq il-bejt tas-Sur Micallef Grimaud. Dik nista' niggarantiha għal mija fil-mija. Jiġifieri jiena konvint, konvint illi dan il-famuż madum illi qed jallegaw għalih illi hu kien il-kaġun għalfejn waqa' dan is-saqaf dan il-madum kien żgur qed jitgħabba mill-bejt ta' qabel. Jigifieri mhix qed... mhux qed nifhem għalfejn qed jiġi qisu allegat illi aħna ġibna xi mahdum minn x' imkien ieħor, waddabnih jew armejnieh..."*

Mistoqsi: *"Jew minn dak li qlajtu"*

Ix-xhud sostna: *"Jew minn dak li qlajna; anzi nista' nikkonferma b' ċertezza assoluta wkoll illi fuq il-bejt... fuq il-bjut tas-Sur Cuschieri kollha li waqqajna ma kienx hemm madum, imkien."*

Mistoqsi: *U dan il-bejt li neħħejtu l-wiċċ tiegħu ta' Micallef Grimaud kien hemm madum?*

Ix-xhud sostna: *Fuq dak m' inhiex ċert mija fil-mija eżattament x' kien hemm; pero` nista' nikkon…. nista' kważi b' mod assolut nikkonferma illi dan il-famuż madum żgur illi qabel kien mgħobbi minn l-istess saqaf. U għalfejn qed ngħidha din? Għax aħna l-unika saqaf li missejna tas-Sur Micallef Grimaud huwa dak, dak is-saqaf; u nikkonferma illi qabel ma ntmess dan is-saqaf is-soqfa kollha tasSur Cuschieri kienu inqalgħu minn fuq s' isfel. Dik il-parti tal-propjetà tas-Sur Cuschieri twaqghet kollha minn fuq s' isfel.*

Il-Perit Sapiano isostna li mill-ewwel darba li l-attur sejjaħlu biex imur jara l-ħsara sa dakinhar tax-xhieda, l-attur ma kien għamel assolutament xejn biex jevita milli ssir aktar ħsara u l-propjeta' tal-attur għadha miftuħa għall-elementi.

**<u>Ikkunsidra</u>**

Illi mill-provi jirriżulta li il-parti tal-bejt li sar ix-xogħol fuqha kienet miksija bil-madum tac-cement.

L-attur isostni li fil-kontro bejt li sar mill-ħaddiema tal-konvenut, instab madum antik li kien miksi bih il-bejt qabel. Jiġifieri il-madum minflok ma ntrema ġie stivat bejn ix-xorok u l-kontrobejt il-ġdid tal-konkos li sar mill-ħaddiema tal-konvenut.

Fix-xhieda tiegħu il-Perit Mamo sostna li ġot-terrapien ta' dan is-saqaf waqa' mhux biss ammont ta' materjal, iżda madum li ovvjament ma kienx mqiegħed meta nbniet id-dar għax ħadd ma jagħmel madum qabel ma jagħmel is-saqaf.

Il-Perit Mamo sostna li skond il-prattika, **kien hemm bżonn li jinqala l-madum**, għax meta wieħed jibdel il-qlib ha jaqla is-surface tal-binja, ha jibdel il-qlib tat-torba u ha jerġa jagħmel il-kontrabejt.

Il-Perit sostna li ġot-torba nstab ammont kbir ta' madum tac-cement li ma jistax ikun li kien hemm qabel ma sar ix-xogħol. Il-Perit sostna li it-torba waqgħet kawża ta' l-eċċess ta' materjal wara li saru x-xogħlijiet. Il-Perit Mamo sostna **li meta wieħed jaqla il-kontra-bejt wieħed jinduna li kien hemm xi materjal żejjed.** Ix-xhud sostna li s-saqaf il-ġdid huwa xi sitt pulzieri jew sebgħa 'il fuq mis-saqaf oriġinali. Ix-xhud sostna li dak il-madum ġie mis-saqaf li nqala biex jinbidel.

Il-Perit sostna li mix-xogħlijiet li kienu saru irriżulta li kien żdied l-ammont ta' materjal **u l-materjal ma kienx sempliċi torba kif isir ġos-soqfa normali, iżda kien hemm ammont kbir ta' madum tas-saqaf.**

Il-Perit sostna li l-effett ta' dan huwa li wieħed jagħmel it-torba biex il-piż jinfired,spreading of load**. Meta jkollok affarijiet solidi bħal madum, dan ha jikkrea pointload fuq ix-xorok u wara ċertu żmien, jista jkun ġimgħat u jista jkun aktar, b'mod partikolari jekk ikun hemm xi mechanical vibration dan ha jikkrea point of loads li minħabba fihom jiġi affetwat is-saqaf kollu.**

Il-perit sostna li dan ma huwiex każ għaliex il-bini huwa antik għax kieku jaqgħu il-palazzi kollha. Is-soqfa l-oħra huma kollha ntatti. **L-uniku post fejn waqgħu x-xorok huwa fejn esegwixxew ix-xogħol il-ħaddiema tal-konvenut.**

Il-perit sostna li meta mar fuq il-post huwa kien ra generator. Sostna li any mechanical vibration jitrasmetti solids għal ħafna distanza u jista jkollu effett fuq propjeta ta' terzi.

Il-Perit Mamo sostna li huwa ma kellimx lil Perit Sapiano għaliex huwa ċar x'ġara**. Il-madum misjub fit-torba huwa il-madum li kien hemm fis-saqaf qabel għaliex fih is-siment fuqu.**

Il-Perit sostna li l-bejt li ntmess ma kienx rah qabel ma beda x-xogħol iżda ra r-ritratti tal-istess bejt.

Fil-Kontro-eżami tiegħu, **l-Perit Adrian Muscat insista li huwa ċert li dak li ġara kien kaġun tal-fatt li l-madum tal-bejt intefa fit-torba. Dan kollu huwa maqbud mir-ritratti.**

Fir-ri-eżami tiegħu il-Perit Mamo sostna*: 'Ifhimni, ifhimni, mill-ewwel visit ma stajtx ngħid għal xiex, jiġifieri għalfejn waqat; għaliex it-torba baqgħet hemm u x-xriek li li nqassmu ma kontx naf x' hemm fuq. Pero` ovvjament meta waqgħet it-tieni biċċa kien hemm stacks ta' sitt tiles tas-siment, illi dawn meta jiena eżaminajthom, għax waqgħu, indunajt li* ***dawn kienu antiki jiġifieri ma kinux tiles ġodda. Kellhom siment fuqhom, jiġifieri kienu qed jinħalbu, okay? Xi ħadd kien fi żmien jiġifieri kien qed jaħleb is-saqaf****.'*

Fir-rapport tiegħu l-Perit tiegħu Adrian Mamo sostna, li dan kollu seħħ minħabba li *'it is evident that the collapse of the roof was caused by the recent disturbance of the roofing material and in particular the placing of stacks of cement tiles into the fill material (torba) above the stone slabs (see. Fig.12) which created not only additional weight, but also undue pressure due to point loading. The placing of such solid material in place of material fill later (torba), which is meant to act as a dampening layer, is against good building practice. The cement of roof tiles (see fig 13) were a recent addition to the building (they were probably retrieveved during the works from either roof 13 or the roof belonging to No.42, and incorporated within the torba layer) and could not have formed part of the original roofing structure".*

It-Tribunal jagħmel referenza għal email datat 4 ta' Settembru 2020, liema email intbagħat mill-Perit Sapiano lill-attur, il-Perit Sapiano sostna li *'I do agree that the collapse is **partially** due to the overloading of the stone slab, but overloading was **clearly a pre-existing condition.** Furtermore, the collapse is **certainly attributed in part** to the rusting of your beams because when steel rusts, it expands and such expansion causes additional stresses on the stone slabs which end up cracking, and subsequently failling'.*

Illi b'dan l-email, il-Perit Sapiano stess jikkonferma li aktar ma s-saqaf ikun mgħobbi hemm riskju akbar li tiġrilu l-ħsara. Fl-istess email pero l-Perit Sapiano jinsisti li '*but overloading was clearly a pre-existing condition'.*

It-Tribunal jagħmel referenza għad-domanda li kienet saret lil-Perit Sapiano:

*"Issa hawnhekk issemma madum li kien hemm fil-wiċċ tal-bejt, u ngħad li dak il-madum instab li tpoġġa taħt il-wiċċ il-ġdid tal-bejt. X' għandek xi tghid?"*

Għal din id-domanda l-Perit Sapiano rrisponda:

*"Mela jiena li nista' ngħid huwa dan, illi x-xogħlijiet ta' tibdil ta' soqfa kollha x-xogħlijiet li kellhom isiru tal-bini tas-Sur Cuschieri saru kollha qabel ma sar lintervent fuq il-bejt tas-Sur Micallef Grimaud, jiġifieri dak kollu li kellu jinħatt u jintrema mill-proprjetà tas-Sur Cuschieri twaqqa' u intrema. Issa jiena sfortunat li minhiex f' pożizzjoni li niftakar eżatt eżatt il-wiċċ tal-kontra bejt tas-Sur Micallef Grimaud x' kien u x' ma kienx; pero` nista' naċċerta lill-Qorti, nista' ngħidha din b' ċertezza assoluta, hija li jekk instab xi madum ġol-kontra bejt, u fil-fatt sussegwentement waqa' fil-binja ta' Micallef Grimaud dan kien preżenti fil-bejt diġà. Fl-ebda ċirkostanza ma nġieb mahdum minn barra biex jitpoġġa jew biex jintrema within inverted commas ġol-kontra bejt ta' Micallef Grimaud, jiġifieri illi dak il-madum illi fil-fatt qed jgħid li qed jallegaw li instab ġol-kontra bejt ta' Micallef Grimaud kien diġà ġie qed jiġi merfugħ missaqaf ta' Micallef Grimaud."*

It-Tribunal josserva li l-Perit Mamo sostna li skond il-prattika, **kien hemm bżonn li jinqala l-madum**, għax meta wieħed jibdel il-qlib ha jaqla is-surface tal-binja, ha jibdel il-qlib tat-torba u **ha jerġa jagħmel il-kontrabejt.**

It-Tribunal għalhekk isostni li l-argument tal-Perit Sapiano u cjoe li jekk instab xi madum ġol-kontrabejt dan kien diġa preżenti fil-bejt, ma jreġix.

Dan qiegħed jingħad għaliex jekk dan il-madum ma ntremiex u tħalla hemmhekk u fuq l-istess madum reġa ngħata bil-kontrabejt allura dan ċertament wassal biex il-kwantita ta' materjal fuq is-saqaf żdiedet u fuq kollox anke it-toqol u l-piż fuq l-istess saqaf żdied.

It-Tribunal jagħmel referenza għad domanda li saret li kienet saret lil Perit Sapaiano:

*"U l-kwantità ta' materjal allura fuq is-saqaf żdiedet?, naqset?... x'gara?"*

Għal din il-mistoqsija l-Perit Mamo sosta li:

*"Mela dik hija domanda li jiena sinċerament taħt ġurament ma nista' qatt nirrispondiha, għalfejn? Għax inti biex tirrispondi dik id-domanda jrid ikollok quantum ta' x' kien hemm qabel u quantum ta' x' kien hemm wara. Li nista' ngħid huwa illi l-proċedura li saret hija wahda korretta; għalfejn? Hafna drabi sfortunatament, meta jsir xogħol ta' re levelling li jsir huwa li fuq il-bejt preżenti tintefgha torba ġdida, jintefgħa kontra bejt ġdid biex jinbidel il-qlib tal-bejt. F' dak il-każ inti hemmhekk hemm każ ċar ta' fejn inti żidt il-piż fuq .... u inti zidt il-materjali. Fil-każ tagħna aħna m' għamilniex hekk. Aħna* ***neħħejna, kissirna l-parti solida tal-bejt****, illivellajna t-torba biex ikollha qlib differenti, u erġajna tajna wiċċ sod.. iebes, ġdid."*

It-Tribunal jifhem li jekk il-parti solida tal-bejt ġiet imneħħija u mkissra allura suppost il-madum li l-bejt kien miksi bih kellu jintrema u konsegwentament dan l-istess madum ma kienx jispiċċa jaqa' għand l-attur.

It-tribunal ma jistax jinjora x-xhieda tal-perit Mamo fejn sostna li:

*"...meta waqgħet it-tieni biċċa kien hemm stacks ta' sitt tiles tas-siment, illi dawn meta jiena eżaminajthom, għax waqgħu, indunajt li* ***dawn kienu antiki jiġifieri ma kinux tiles ġodda. Kellhom siment fuqhom, jiġifieri kienu qed jinħalbu, okay? Xi ħadd kien fi żmien jiġifieri kien qed jaħleb is-saqaf****."*

It-Tribunal huwa moralment konvint li meta l-ħaddiema tal-konvenut taw il-kontrabejt il-ġdid, dawn jew ħallew il-madum li kien hemm (għax ma ntremiex) u żiedu il-materjal u taw il-kontrabejt fuqu jew ma kissruhx kollu u konsegwentament ma qalgħux il-madum kollu li kien hemm, żiedu il-materjal u taw il-kontrabejt fuq il-madum li ma nqalax.

Fi kwalunkwe każ dan wassal sabiex il-piż fuq is-saqaf żdied. Kif anke sostnut mill-Perit Sapiano stess fl-email tiegħu (anke jekk fl-istess email huwa ċaħad li kienu l-ħaddiema li żiedu l-piż fuq is-saqaf billi jiddeskriviha bħala clearly a pre-existing condition) dan wassal sabiex is-saqaf ġratlu l-ħsara.

It-Tribunal isostni li l-Perit Sapiano stess sostna li huwa ssuġġerixxa lill-attur sabiex jibdel is-saqaf u jagħmlu tal-konkos. Minkejja li l-attur irrifjuta, huwa xorta waħda eżegwixxa ix-xogħlijiet. Kif diġa ngħad minkejja li kif anke sostnut mill-Perit Mamo skond il-prattika l-madum kellu jinqala, t-Tribunal huwa moralment konvint li l-madum li kien hemm fuq il-bejt ma nqalax u konsegwentament dan il-fatt ċertament li **b'xi mod ikkontribwixxa** għal ħsara sofferti fis-saqaf tal-attur aktar u aktar meta l-attur ma kellux ħsarat f'soqfa oħra apparti dak li fuqu saru t-tiswijiet.

It-Tribunal isostni li meta' kien qed iwettaq dawn ix-xogħlijiet il-konvenut ma użax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

**Ikkunsidra**

Il-Konvenut isostni li minkejja li l-attur ilu konxju ta' dawn il-ħsarat għal diversi snin huwa baqa' ma għamel xejn sabiex isiru t-tiswijiet neċessarji bil-konsegwenza li l-ħsara kompliet tikber. Il-Konvenut isostni wkoll li l-kawża tal-ħsara hija minħabba l-ingress ta' ilma u is-sadid fit-travi u dan minħabba nuqqas ta' manutenzjoni da parti tal-attur.

It-Tribunal josserva li l-attur qiegħed jitlob li l-konvenut ikun ikkundannat li jħallsu l-ammont ta' ħames t'elef ewro.

L-attur ippreżenta żewġ stimi tax-xogħlijiet meħtieġa u liema stimi saru fis-sena 2022.

Stima minnhom tammonta għal €9,912 filwaqt li l-istima l-oħra tammonta għal €6,800 VAT mhux inkluża.

Naturalment kif ġustament sostna l-attur, aktar minn sentejn wara li ġab dawn l-istimi ċertament li l-ispejjeż komplew jogħlew.

It-Tribunal isostni li ladarba l-konvenut **b'xi mod ikkontribwixxa** għal ħsara sofferta fis-saqaf tal-attur u l-istess attur qiegħed jitlob li l-konvenut ikun ikkundannat li jħallsu biss parti mill-ispejjeż, l-konvenut għandu jkun ikkundannat sabiex iħallas lill-attur s-somma kollha mitluba anke jekk jista' jkun li l-fatt li l-attur baqa' ma għamel xejn sabiex isiru t-tiswijiet neċessarji wassal sabiex il-ħsara kompliet tikber u l-fatt li l-ingress ta' ilma u s-sadid fit-travi seta b'xi mod ikkontribwixxa wkoll (apparti iż-żieda tal-piż fuq is-saqaf) biex is-saqaf sofra l-ħsara.

Dan qiegħed jingħad għaliex huwa evidentament ċar li l-attur se jkun qiegħed joħroġ minn butu nofs l-ispiża jew saħansitra aktar sabiex isiru t-tiswijiet neċessarji.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi filwaqt illi jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex iħallas lill-istess attur s-somma ta' ħamest elef ewro (€5000).

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avv Dr Christopher Chircop**
**Ġudikatur**

**Rosanne Piscopo**
**Deputat Reġistratur**